MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tal-15 ta' April, 2004

Numru. 850/2002

Il-Pulizija
(Spettur Kevin J Farrugia)
vs
Edward Elias Sankary

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi Edward Elias Sankary, li ghandu n-numru tal-passaport 1403921, li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli fil-lejl tat-13 u l-14 ta' Ottubru 2002 fl-isptar Monte Carmeli H'Attard :

1. waqt li kien f'post ta' kustodja f'dawn il-gzejjer, harab mill-imsemmi post u dan ai termini tal-Artikolu 152 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqies vjolenza pubblika, kontra persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku u cioe' kontra l-Pulizija PC 211 Paul Mazzitelli li kien qed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi u dan

ai terminu tal-Artikolu 96 (a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi talli naqas li jobdi ordnijiet legittimi moghtija lilu minn PC211 Paul Mazzitelli waqt li kien qed jaqdi d-doveri tieghu jew ma hallihx jew fixklu waqt il-qadi ta' dmirijietu u dan ai termini tal-Artikolu 338 (ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-bon ordni jew il-paci pubblika b'ghajjat u dan ai terminu tal-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkaguna feriti hfief fuq il-persuna ta' PC 211 Paul Mazzitelli kif iccertifika Dr A Drago M.D. tal-isptar San Luqa u dan bi ksur tal-artikolu 221 (1) (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
6. Il-Qorti giet mitluba ukoll titratta mal-imputat Edward Elias Sankary talli kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu minn din il-Qorti tal-Magistrati presjeduta f'sentenza datata fit-3 ta' Settembru 2002, meta kien gie misjub hati ta' reat kriminali u ikkundannat sitt xhur detenzjoni sospizi ghal perjodu ta' sena, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet lill-imputat iwiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi deciz bi procedura sommarja;

Semghet lix-xhieda kollha illi gew prodotti;

Semghet lill-imputat debitament assistit jirregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dana waqt is-seduta tal-25 ta' Frar, 2003;

Taqta u tiddeciedi billi fuq ammissjoni volontarja tal-imputat fuq imsemmi ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, issibu <u>hati</u> ta' dawn l-imputazzjonijiet kollha u dana wara li rat l-Artikoli 152, 96, 338 (ee), 338 (dd), 221 tal-Kap. 9 u l-Artikoli 28 A u 28 B tal-Kap. 9. Il-Qorti ikkunsidrat ghall-fini ta' piena il-fatt illi r-reati in kwistjoni gew kommessi matul il-perjodu operattiv ta' sentenza

sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati kif presjeduta fit-3 ta’ Settembru, 2002. Il-Qorti ikkunsidrat ukoll il-fatt illi l-imputat bl-ebda mod ma wera xi rimors ghal dak illi ghamel jew skuza ruhu mal-ufficjal pubbliku in kwistjoni PC211 Paul Mazzitelli. Ghaldaqstant il-Qorti tordna illi s-sentenza sospiza moghtija minn din il-Qorti fit-3 ta’ Settembru, 2002 ghandha tibda isehh u tikkundanna lill-imputat fuq imsemmi, misjub hati kif diga intqal, ghall-prigunerija ta’ sentejn illi minnha ghandu jitnaqqas kull zmien illi l-hati ghamel taht arrest preventiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------